

Brussell, 14 ta' Jannar 2019
(OR. en)

15833/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0316(NLE)**

**DAPIX 400
DATAPROTECT 283
ENFOPOL 647
EUROJUST 180
FRONT 473
VISA 344
EURODAC 45
ASILE 90
SIRIS 195
SCHENGEN 66
CSCI 184
SAP 38
JAI 1339**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Arranġament mar-Renju tan-Norveġja, mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-parteciċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Fit-3 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Arranġament mar-Renju tan-Norveġja, mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-parteciċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif ukoll Anness għal dik il-proposta¹.

¹ 11804/18 + ADD 1.

Il-grupp ta' Kunsilliera ĠAI (eu-LISA) eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu fl-10 ta' Settembru 2018, flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Arranġament imsemmi hawn fuq u l-Anness tiegħu, maħruġa fl-istess ġurnata².

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja³, fil-laqgħa tiegħu fil-11 ta' Ottubru 2018, flimkien mal-Anness⁴ għal dik id-Deċiżjoni.

Il-Partijiet iffirmaw l-Arranġament fit-8 ta' Novembru 2018 fi Brussell. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew hija meħtieġ qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Arranġament.

Għalkemm il-grupp tal-Kunsilliera ĠAI eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni fil-laqgħa tiegħu fl-10 ta' Settembru 2018, il-formulazzjoni tiegħu kellha tiġi sussegwentement adattata fid-dawl tal-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar eu-LISA⁵ li seħħet sadanittant. Barra minn hekk, il-formulazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-Irlanda fil-premessa (5) għandha tibqa' f'parentesi kwadri, sakemm issir notifika mill-Irlanda li tixtieq tiegħu sehem fir-Regolament (UE) Nru 2018/1726 f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21, anness mat-Trattati.

Il-grupp tal-Kunsillieri ĠAI approva t-test adattat fi proċedura informali ta' silenzju li skadiet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2018, fis-14:00, mingħajr ma sar ebda kumment mid-delegazzjonijiet.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-COREPER/Kunsill huwa mistieden jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 15832/18, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.

² 11805/18 + ADD 1

³ 12042/18

⁴ 12367/18

⁵ Regolament (UE) Nru 2018/1726, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99–137